Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Conseulo Scerri Herrera LL.D.

Att tal-Akkuza Nru. 1/2019

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf

Josephine Wadi

Illum 25 ta' Mejju, 2021,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 1 tas-sena 2019 migjuba fil-konfront ta' Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 49044A u Josephine Wadi detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 416885M, fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi, matul il-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), Krystle Gaffarena intaqgħet mal-akkuzati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u Josephine Wadi – li hi kienet tafhom minn qabel - fejn dawn tal-aħħar offrew sabiex jwassluwha bil-vettura tagħhom sa Paceville;

Illi, kif waslu Paceville, waqfitilhom din l-istess vettura peress li kien spiċċalha l-*fuel* u minħabba f'hekk l-akkuzati **Raouf** u Wadi marru l-Imsida sabiex iġibu xi *diesel* filwaqt li Krystle Gaffarena marret tieħu kafe' ġewwa Baystreet;

Illi, aktar tard, l-akkuzati rritornaw mill-Imsida, reġgħu intaqgħu ma' Krystle Gaffarena, u reġgħu marru biswit il-vettura tagħhom fejn din xorta waħda ma ħadmitx. Eventwalment ġie t-*tow truck* li ħadhom il-Mosta u għal ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija l-akkuzati u Krystle Gaffarena marru ġewwa is-Seaview Hotel mingħajr prenotazzjoni fejn hemmhekk l-akkuzati krew kamra għal lejl wieħed li kienet tikkonsisti f' *double bed* u *single bed*. Krystle Gaffarena meta rat dawn iz-zewġ sodod ħasbet li hi kienet ser torqod weħidha fis-*single bed* izda kienet zbaljata. Dak il-ħin l-akkuzati **Raouf** u Wadi nezgħu l-ħwejjeġ li kellhom fuqhom, daru fuqha u nezzgħuha ukoll. Krystle Gaffarena bdiet tipprova tirrezisti sabiex ma tħallihomx izda ma rnexxilix u huma ppersistew bl-aġir tagħhom;

Illi, **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** zamm lil Krystle Gaffarena bis-saħħa f'kantuniera u għaldaqstant hija ma setgħetx tiċċaqlaq filwaqt li Josephine Wadi bdiet tmiss u tbusilha sidirha. Raouf umbagħad prova jbus lil Krystle Gaffarena u hi ma ħallitux, anzi gidmitlu xuftejh, idejh u għonqu kif ukoll girfet lil Josephine Wadi. Krystle Gaffarena ripetutament qalet lill-akkuzati sabiex jieqfu minn dan l-aġir izda huma ma tawx kasha u ppersistew. Infatti, **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** umbagħad saħansitra għaddha sabiex jistupraha, u ċioe kellu konġunġiment karnali ma' Krystle Gaffarena, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu;

Illi, minn ezami mediko-legali li sar fuq Krystle Gaffarena, irrizulta li kellha xi tbenġil inkluz tlett dbenġiliet partikolari fuq id-driegħ tax-xellug li kienu kompattibli ma' *grip mark*;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza datata disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed* (*per* Maġ. Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera LL.D.), l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, sar ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe Josephine Wadi;

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija akkużat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe Josephine Wadi.

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża ukoll lill-**Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa tletin (30) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe matul il-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **Josephine Wadi** rrendiet ruħha kompliċi fl-istupru vjolenti ta' Krystle Gaffarena, u dana billi xjentement għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt - Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf – fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat;

Illi, kif ġia espost fil-Kap preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, matul dan l-istess lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), l-akkuzati flimkien ma' Krystle Gaffarena, marru ġewwa is-Seaview Hotel mingħajr prenotazzjoni u hemmhekk l-akkuzati krew kamra għal lejl wieħed li kienet tikkonsisti f' *double bed* u *single bed*. Krystle Gaffarena meta rat dawn iz-zewġ sodod ħasbet li hi kienet ser torqod weħidha fis-*single bed* izda kienet zbaljata. Dak il-ħin l-akkuzati Raouf u **Wadi** nezgħu l-ħwejjeġ li kellhom fuqhom, daru fuqha u nezzgħuha ukoll. Krystle Gaffarena bdiet tipprova tirrezisti sabiex ma tħallihomx izda ma rnexxilix u huma ppersistew bl-aġir tagħhom;

Illi, Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf zamm lil Krystle Gaffarena bis-saħħa f'kantuniera u għaldaqstant hija ma setgħetx tiċċaqlaq filwaqt li **Josephine Wadi** bdiet tmiss u tbusilha sidirha. Raouf umbagħad prova jbus lil Krystle Gaffarena u hi ma ħallitux, anzi gidmitlu xuftejh, idejh u għonqu kif ukoll girfet lil **Josephine Wadi**. Krystle Gaffarena ripetutament qalet lill-akkuzati sabiex jieqfu minn dan l-aġir izda huma ma tawx kasha u ppersistew. Sussegwentement, Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf stupra lil Krystle Gaffarena, u dana bl-għajnuna ta' Josephine Wadi;

Illi, minn ezami mediko-legali li sar fuq Krystle Gaffarena, irrizulta li kellha xi tbenġil inkluz tlett dbenġiliet partikolari fuq id-driegħ tax-xellug li kienu kompattibli ma' *grip mark*;

Illi, permezz tal-aġir tagħha, **Josephine Wadi** xjentement għenet u assistiet lil Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf fil-kommissjoni tal-istupru vjolenti ta' Krystle Gaffarena u għaldaqstant irrendiet ruħha kompliċi fl-istess;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.

Illi, għalhekk, b'għemilha, l-akkużata **Josephine Wadi** saret ħatja ta' **<u>kompliċita' fir-reat ta' stupru vjolenti aggravat</u>**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>bil-vjolenza, għenet jew assistiet lil Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf sabiex jikkometti stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)</u>**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe **Josephine Wadi**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija akkużata **Josephine Wadi**, ħatja ta' **komplicità' fir-reat ta' stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **bil-vjolenza, għenet jew assistiet lil Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf sabiex jikkometti stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien mgħejun fl-ezekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe **Josephine Wadi**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużata **Josephine Wadi** u illi hija tiġi kkundannati għall-**piena ta' priġunerija minn erba' (4) snin sa tnax (12)-il sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 42, 43, 46, 198, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużata.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), l-akkuzati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi** ikkomettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Krystle Gaffarena;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, matul dan l-istess lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), Krystle Gaffarena, flimkien mal-akkuzati, marru ġewwa is-Seaview Hotel u hemmhekk l-istess akkuzati **Raouf** u **Wadi** nezgħu l-ħwejjeġ li kellhom fuqhom, daru fuqha u

nezzgħuha ukoll. Krystle Gaffarena bdiet tipprova tirrezisti sabiex ma tħallihomx izda ma rnexxilix u huma ppersistew bl-aġir tagħhom;

Illi, dan ir-reat, u ċioe li l-akkuzati ikkomettew attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' Krystle Gaffarena, huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt;

Illi, permezz ta' sentenza tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed* (*per* Maġ. Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera LL.D.), l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf,** reċediv f'delitt**,** u **Josephine Wadi** saru ħatja li, bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Krystle Gaffarena, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.</u>**

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill- imsemmija akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf,** reċediv f'delitt, u **Josephine Wadi** ħatja talli, bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Krystle Gaffarena, b'dana illi dan ir-</u>**

**<u>reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-ezekuzzjoni tad-delitt.</u>**

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, jakkuża ukoll lill-**Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi**, u:

1. Fil-kaz tal-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, illi jiġi kkundanat għal piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa sentejn (2), u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 207, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat; u
2. Fil-kaz tal-akkuzata **Josephine Wadi**, illi tiġi kkundanata għal piena ta' priġunerija minn erba' (4) xhur sa tmintax (18) -il xahar, u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 207, 202(d), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzata.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe matul il-lejl ta' bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi** arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Krystle Gaffarena kontra l-volonta' tagħha;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuza, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, bl-għajnuna ta' **Josephine Wadi**, pproċeda sabiex ikollu konġunġiment karnali ma' Krystle Gaffarena u dana kontra l-volonta tagħha. Matul

dan l-aġir kollu, Krystle Gaffarena ma setgħetx taħrab jew titlaq minn fuq il-post u kienet mizmuma mill-akkuzati kontra r-rieda tagħha;

Illi, l-akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi** ma kellhom ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellhom s-setgħa bil-liġi li jarrestaw, jżommu, jew jissekwestraw lil Krystle Gaffarena kontra l-volonta' tagħha;

Illi, permezz ta' sentenza tad-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u għaxra (2010) fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur James Grech) vs Abdel Raouf Hassan Ali Mohamed* (*per* Maġ. Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera LL.D.), l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Illi, għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv f'delitt, u **Josephine Wadi** saru ħatja talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Krystle Gaffarena) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Krystle Gaffarena) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.</u>**

Illi, *di piu*, per konsegwenza tar-reat surreferit, l-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** rrenda ruħu bħala reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, reċediv, u **Josephine Wadi**, ħatja talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), **<u>bla ordni skont</u>**

**<u>il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Krystle Gaffarena) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Krystle Gaffarena) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.</u>**

L-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuza, jakkuża ukoll lill-**Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** li rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf** u **Josephine Wadi**, u:

1. Fil-kaz tal-akkuzat **Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf**, illi jiġi kkundanat għal piena ta' priġunerija minn tlettax (13) -il xahar sa erba' (4) snin, u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat; u
2. Fil-kaz tal-akkuzata **Josephine Wadi**, illi tiġi kkundanata għal piena ta' priġunerija minn tlettax (13) -il xahar sa tlett (3) snin, u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(g), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzata.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti semghet il-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fl-istess seduta tal-lum 25 ta' Mejju, 2021.

Illi l-prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq ix-xhieda moghtija tal-kwerelanti Krystle Gaffarena u propju fuq rapport li l-istess Krystel ghamlet gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta kif mehud mis-surgent PC 1534 Renaldo Cremona nhar l-10 ta' Jannar 2012 fil-11 ta' filghodu illi d-difiza ssostni li l-kwerelanti m'hix xhud kreddibli u dan

minhabba diversi inkonsistenzi fix-xhieda taghha kif identifikati minnha waqt it-trattazjoni fl-awla. Min-naha l-ohra pero, il-prosekkuzzjoni ssosstni illi x-xhieda moghtija mill-kwerelanti moghtija a tempo vergine kienet konsistenti ghalkemm dik moghtija llum hi dik li hi u fil-fhema tal-prosekuzzjoni n-nuqqas ta' konsistenza f'certu partijiet tax-xhieda taghha hija dovuta ghat-trapass taz-zmien.

Illi ghalhekk sta ghal din il-Qorti sabiex tezamina l-atti processwali u dan sabiex tara jekk hemmx kollaborazzjoni fir-rigward tal-provi li nstemghu llum fil-prezenza tal-akkuzati viva voce.

Illi d-Difiza bdiet t-trattazzjoni taghha billi fakkret lil Qorti dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija v Antonio Schembri** [1]].

Jinghad illi fil-fatt l-avukat difensur ta' l-akkuzat Raouf insista fuq il-kelma prova li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni u dan 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni sabiex twassal il-Qorti sabiex issib htija fuq l-akkuzat.

Ghalhekk din il-Qorti bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-akkuzati jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandhux jkollhom l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-akkuzati. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-akkuzati li ghandhom mmedjatament jigi ddikjarat liberati. Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [**vide Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila et** [2]deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzati jigi ddikjarati hatja, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** [3]u tghid

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-7ta' April, 1992
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994

pero mhux kull ickem dubbju huwa bizzejjed sabiex l-akkuzati jigu ddikjarati liberati, hemm bzonn li 'dubbju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**[4], dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni, f'dan il-kaz l-akkuzi kif indikati fil-Kap tal-akkuzi moghtija fil-konfront taz-zewg akkuzati mill-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjiegazzjoni moghtija minnn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** [5] tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el**

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997
[5] 1974 - 2 ALL ER 372

**Kaader** [6]hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen** [7].

> "*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference.*"

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**[8], li

> "*Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*"

Id-Difiza donnha imputat wkoll fl-introduzzjoni tat-trattazzjoni taghha li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx il-provi kollha li kienu necessarji sabiex isahhah l-akkuzi migjuba minnha, pero dan ghamlitu car li ma kienx tort tal-avukati prosekuturi involuti f'dan il-kaz. Id-difiza wkoll stqarret illi fil-fatt il-prova xjentifika mressqa mill-prosekuzzjoni fil-fatt tikorrabora il-kaz tad-difiza u xxejjen il-kreddibilta' li ghandha tinghata lix-xhud principali tal-prosekuzzjoni u cioe' lil Krystel Gaffarena. Il-Qorti tfakkar ukoll il-partijiet illi bniedem jista jigi misjub u dikjarat hati anke fil-mankanza ta' provi ta' din x-xorta, jekk ikun hemm provi ohra li jwasslu lil min ghandu jiggudika

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar d-9ta' Gunju, 1998
[7] [1952] AC 480, 489
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Ottubru, 1998

sal-grad tac-certezza morali dwar l-htija tieghu [vide **Il-Pulizija v Massimo Aufieri** [9]].

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista jghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet il-process u cioe' semghet lix-xhieda jixhdu viva voce quddiemha u ghalhekk qedgha f'pozizzjoni li tikontrolla l-kreddibilta' u l-vericita' tax-xhieda prodotti quddiemha.

Din il-Qorti ghalhekk ser taghmel l-ezami taghha tax-xhieda ai termini tal-**artikolu 637 tal-Kap 9**, billi evalwat l-imgieba w il-karattru ta' kull xhud li semghet u li ghamlet apprezzament taghhom ghal mod ta' kif x-xhieda wiegbu ghad-domandi li sarulhom quddiemha, ghal kull interess li setgha kellhom x-xhieda u b'hekk ser tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla il-kredibilita tax-xhieda, u hu appuntu minhabba li l-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti tal-fatti li hija ghandha taghmel ezami tax-xhieda u tal-provi kollha mressqa sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li taghmel dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** [10]fejn spjiegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jista jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-28 ta' April 2000
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Settembru 2002

tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandha tillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija 'on a balance of probabilities' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**[11]

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi principju generali iehor fil-kamp penali huwa li l-prosekuzzjoni bhala regola ghandha ggib l-prova l-iktar shiha u sodisfacenti li l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti.[12] Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover talProsekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal salgrad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu

---

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 1997
[12] Artiklu 638(1) tal- Kap 9.

il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[13] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-għemil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Illi dan iwassal lil din il-Qorti sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda sabiex tara min fil-fatt hu konsistenti f'dak li qal u jekk il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, il-Qorti tistax tasal ghal htija taz-zewg akkuzati jew ta' wiehed minnhom fil-Kap tal-Akkuzi kollha jew uhud minnhom. Mill-atti kompilati jidher illi x-xhud principal tal-prosekuzzjoni hija Krystel Gaffarena u din il-Qorti hija rinfaccjata b'diversi xhieda moghtija minnha f'diversi forom.

PS 1574 Renaldo Cremona xehed quddiem din il-Qorti u kkonferma l-okkorenza ridatta minnu nhar l-10 ta' Jannar 2012, liema okkorenza tinsab ezebita fl-atti a fol. 151

---

[13] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta millimħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta millImħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

mmarkata bhala Dok RC. Ix-xhud Cremona jispjega illi din Gaffarena kienet qaltlu illi s-Sibt filghaxija u cioe' 7 ta' Jannar, waqt li 'hija kienet gewwa Paceville ma' habiba taghha li ma xtaqitx isemmi min hi, mar fuqhom persuna ta' nazzjonalita Gharbija bl-isem ta' Raouf, flimkien mat-tfajla tieghu Josephine fejn dawn iz-zewg persuni geluha tirkeb fil-karozza tieghu fejn baqghu sejrin Paceville u wara baqghu sejrin il-Qawra gewwa s-Seaview Hotel'. Din Gaffarena kompliet tghidlu li huma dahhlu fil-lukanda f' 00.00am, telghu go karma u wara li dahhlu fil-kamra, Raouf u Josephine qabzu fuqha u nezzawlha l-hwejjeg. Stqarret ukoll illi dawn iz-zewg min-nies nezghu hwejjighom u hija ppruvat tirreziztihom u kien kollu ta' xejn ghax zammewha kontra l-volonta' taghha. Qalet ukoll illi Raouf, qabad u ppenetra u x'aktarx egakola go fiha, qaltlu li kienet bezghana li setghet inqabdet tqila. Aktar tard tghid ukoll illi l-ghada filghodu, jum il-Hadd ghal habta ta 12.00pm dan Raouf halliha tohrog u t-tlieta li huma rikbu l-Arriva minn Bugibba, Raouf nizel hdejn l-isptar Mater Dei u hija flimkien ma Josephine nizlu l-Belt. Hija qalet illi meta kienu l-Belt, infirdet minn ma Josephine u marret l-Ghabex gewwa Santa Venera. Mistoqsija ghaliex m'ghamlitx ir-rapport qabel stante li kienu ghaddew jumejn, qalet li kienet mugugha u marret torqod. Qalet ukoll li l-hwejjeg taghha kienu mizmuma ghand certu Alan li joqghod Triq El Dorado, Hamrun, fejn din kienet qed tghix.

Illi abbazi dan ir-rapport, il-pulizija kompliet tinvestiga l-kaz u l-ispettur Jessica Grima hadet dikjarazzjoni bil-miktub ta' din Gaffarena, liema dikjarazzjoni in segwitu kkonfermat quddiem il-Magistrat li kienet fethet inkjesta. F'din id-dikjarazzjoni, Krystel Gaffarena taghti verzjoni ta' dak li gara b'mod differenti u dan ghaliex tghid illi jum is-Sibt 7 ta' Jannar ghall-habta ta' 7.00pm, kienet cemplitilha Josephine u saqsitha jekk riditx tohrog maghhom biex jihdu drink. Tghid li kienet mifthema ma habiba taghha Anna, li kienet tghix maghha l-Ghabex u flok ma harget ma' Anna, spiccat harget ma' Josephine u Raouf. Ghalhekk minnufih jidher illi dak li kienet stqarret lil PS 1574 Cremona ta' kif iltaqghet mal-akkuzati odjerni ma kienx verament Paceville izda spiccat fil-kumpanija taghhom fuq talba ta' Josephine stess. F'din id-

dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok JG1 a fol. 49 hija tghid ukoll li rikbet fil-karozza ma Josephine, Raouf u terza persuna li ma tafx x'jismu pero taf li kellu karozza hamra waqt li kienu ghadhom Santa Venera. Fir-rapport li hija ghamlet lil PS 1574, m'hemm l-ebda referenza ghal din it-terza persuna. Fid-dikjarazzjoni taghha Gaffarena tghid illi marru l-Wied tal-Imsida u bdiet tinsisti maghhom biex jihduha Paceville u jiehdu lil Josephine lura Merhba Bik ghaliex din ma kienitx f'sikkitha u kienet qed tixrob hafna. Tghid pero li Josephine ridet tibqa' fil-kumpanija taghhom u ghalhekk saqu lejn Paceville. Tghid li pero, taht il-mina hdejn Paceville il-karozza waqqfet, Raouf u Josephine marru jgibu d-diesel mill-Imsida u hija baqghet tihu l-kafe' ma din it-terza persuna, sewwieq ta' karozza gewwa Baystreet. Wara xi hin tispjega illi Josephine u Raouf gew lura, mar tat-towing biex jipprova jsewwi l-vettura, ma rnexxilux u dawn irmunkaw il-vettura. Tghid ukoll illi s-sewwiew u Raouf fthemu ma tat-towing fejn kien ser iwassalhom peress li kienu bla karozza, tghid ukoll kuntrarjament ghal dak li qalet lil PS 1574 illi Raouf u Josephine qalulha 'trid torqod maghna?' u hija wiegbet 'peress li ma kellix fejn immur iddecidejt li mmur maghhom ghax dak il-hin ma rajtx ghajn hazina.' Ghalhekk f'dan l-istadju Gaffarena ma tghidx li hija giet mgghela biex tidhol fil-karozza mal-akkuzati kif rappurtat minnha fl-okkorenza, izda marret minn rajha. F'din id-dikjarazzjoni tkompli tghid illi meta wasslu Bugibba marru direttament gol-lukanda Seaview, accedew min-naha ta' wara fejn hemm il-pool u qalulha biex titla it-tielet sular filwaqt li huma baqghu fit-tieni sular. Qalet li stennithom fit-tielet sular sakemm marru ghaliha u flimkien nizzlu fit-tieni sular u ghalhekk tohrog diskrepanza ohra illi mhux minnu li gelghuha tidhol fil-lukanda maghhom kontra l-volonta' taghha. Tghid ukoll li kienet hi li nezghet il-gakketta li kellha fuqha u nehhiet ix-xalla minn fuqha u waqt li ghamlet hekk huma nezghu l-hwejjeg taghhom u daru fuqha u nezzawha. Jinghad illi meta hija rrapurtat l-incident lil PS 1574 hija fl-ebda hin ma qalet li nezghet il-hwejjeg taghha izda qalet li kienu huma li nezzawha u qabzu fuqha minnufih.

Tghid li Raouf beda jzommha u Josephine bdiet tilghab maghha tghid li bdiet 'terdala sidirha, tinzel hemm isfel, dahlet subajha fil-parti tieghi…u bdiet tinzel ghall-parti tieghi'. Tghid ukoll li Josephine qalet lil Raouf biex ma jweggahix. Dan l-istat ta' fatt fl-ebda hin ma tghidu jew tiddiskrevih lil PS 1574. Izzid tghif li hija bdiet tissilet maghhom u li gidmet lil Raouf 'f'xofftu, f'ghonqu u tnejn f'idu.' Tiddeskrivi illi beda johrog id-demm minn xofftu mbghad tghid li qalilha li stante li kienet gidmitu hija kellha xelta li jew thallih ikollu x'jaqsam maghha jew li taghmel sess orali mieghu u hija ghal darb' ohra tghid li ma riditx taghmel dan. Dan ukoll ma tghidux lil PS 1574 izda tkompli tghid li dan Raouf dam hafna go fiha bla ma uza condom waqt li Josephine kienet qed tilaqha. Tghid ukoll illi Josephine ghandha xi grif fuq il-pala t'idha u fuq in-knuckle. Tghid illi meta Raouf kien fuqha Josephine waqfet ghaliex hadet fastidju u fil-fatt tghid li marret iccempel lil missier it-tfal taghha u tghidlu li qed timmisjah. Tghid ukoll li Josephine kellha x'taqsam ma Raouf u kien dak il-hin li hija ppruvat tizgicca, libset il-hwejjeg, izda huma qabzu fuqha meta huma ndunaw b'dan. Qalet li wara l-akkuzati kienu mhedin ma xulxin u l-ghada filghodu, kuntrarjament ghal dak li qalet lil PS 1574, fid-9.00am hargu ma xulxin mil-lukanda, stennew tal-linja ma xulxin u telqu lejn il-Belt. Tghid illi Raouf waqaf hdejn l-isptar Mater Dei, filwaqt li hi u Josephine dahlu l-Belt. Jossephine iltaqghet ma ommha u hi marret lura lejn Ghabex u tkellmet mas-social workers.

Gaffarena deheret quddiem il-Magistrat tal-ghassa Dr Doreen Clarke, fl-istess jum tal-10 ta' Jannar u kkonfermat dak li qalet fid-dikjarazzjoni taghha pero zidet tghid li waqt li kienu fil-karozza Josephine xorbot vodka u waqt li kienu fil-lukanda xorbot l-inbid. Tghid ukoll illi Raouf kien xorob mhux hazin ukoll. Tghid illi hija ma marritx taghmel rapport minnufih ghaliex kienet mugugha u bla vuci ghaliex waqt li kienet fil-lukanda bdiet tghajjat u twerzaq. Tispjegha wkoll illi dakinhar kellha l-period u fil-qalziet kienet liebsa pad. Gaffarena xehedet ukoll viva voce quddiem l-akkuzati nhar is-7 ta' Frar, 2012 u tikkonferma dak li qalghet fid-dikjarazzjoni taghha li kienet mifthema ma habiba taghha Anna biex tohrog, pero filfat harget mal-akkuzati u terza persuna.

Tghid li kienet telghet maghhom fil-karozza biex iwassluha sa Paceville, tikkonferma li l-karozza waqfet fejn Paceville. Tghid li filfat hija marret Baystreet tiehu kafe' ma din it-terza persuna waqt li l-akkuzati marru jgibu xi diesel mill-Imsida. Tikkonferma illi m'Anna ma ltaqghatx. Hawnhekk terga tikkonferma li marru s-Seaview Hotel u fl-ebda hin ma tghid li giet mgghela tmur u tikkonferma li meta telghet fil-kamra, kienet hi stess li nehhiet il-gakketta u x-xalla. Mistoqsija jekk nehhewlix il-hwejjeg twiegeb 'kwazi'. Tghid li filfatt Raouf beda jzommha f'kantuniera bis-sahha u ma setghetx ticcaqlaq u fil-fatt bdiet taghti b'saqajha waqt li Josephine bdiet terdala sidirha. Tikkonferma li gidmitu f'xufftejh, f'ghonqu darbtejn u f'idejh. Tghid ukoll li hareg hafna demm minn halqu u li fil-fatt anke rat zewg grif fuq Josephine fuq in-knuckle. Tikkonferma lli kienet bil-period u li kienet ghadha kemm nehhiet il-Mirena u li ma kelliex hsieb li taghmel dawn l-affarijiet. Tghid li mbghad Raouf ma nqalax minn fuqha u kkonfermat li ridha jkollha x'taqsam mieghu jew li taghmel sess orali mieghu. Tikkonkludi u tghid li Raouf ippenetra go fiha. Tikkonferma li rikbet tal-linja maghhom u li mxiet maghhom u li Raouf waqaf hdejn l-isptar u hija u Josephine nizzlu l-Belt. Mistoqsija jekk waqt li kienet fil-lukanda bdietx tghajjat, tghid illi le ghax ma hallewix. Mistoqsija jekk meta nizlet hdejn ir-reception talbietx ghall-protezzjoni, tghid li le. Tikkonferma li waqt li kienu fil-kamra kienu qed jixorbu l-inbid. Mistoqsija jekk kienitx taf meta qalulha li kienu sejrin il-lukanda li kienet ser torqod hemm, tghid li kienet taf u marret maghhom ghax ma ratx ghajn hazina minnhom. Dan jikkuntrasta b'mod lampanti ma dak li rrapurtat lil PS 1574 meta tghid li gghaluha tidhol fil-karozza u tmur maghhom fil-lukanda. Mistoqsija jekk zammewiex biex tidhol fil-kamra, tghid li le u mistoqsija jekk il-kamra tisakkarx, tghid illi meta gara l-kaz il-bieb kien imbexxaq. Mistoqsija meta ghamlet ir-rapport l-Ghabex tghid li tahseb li ghaddew hamest ijiem waqt li meta xehedet fl-inkjesta hija tghid li tkellmet mas-social workers immedjatament wara l-akkadut.

Meta Gaffarena xehedet fil-Qorti llum, disa' snin wara l-akkadut, hija taghti storja differenti ta' dak li gara u taghti kwadru differenti u iktar vjolenti minn dak li ddeskrivit fix-xhieda taghha antecidenti. Hija tghid illi effetivament hija giet mgghela

tmur fil-lukanda mal-akkuzati tant illi Raouf poggha sikkina wara darha, kemm waqt li kienet fil-karozza, kemm waqt li kienet diehla fil-lukanda u kemm waqt li kienet fit-triq ser tirkeb tal-linja l-ghada filghodu. Tispjega l-incident billi tghid illi dan kollu sehh f'jum il-birthday taghha u cioe' fit-12 ta' Jannar, 2012 meta kienet infurmat lil Dar Ghabex illi ser taghmel lejl barra. Tichad b'mod kategoriku illi bejn il-lejl ta' 8 u 9 ta' Jannar 2012 hija kellha xi inkontru mal-akkuzati. Tghid illi Josephine dak iz-zmien kuntrarjament ghal dak li stqarret fix-xhieda taghha antecidenti illi Josephine kienet qed tghix Dar Ghabex maghha u mhux Merhba Bik kif qalet quddiem l-ufficjal investigatur fid-dikjarazzjoni taghha. Tghid ukoll illi dakinhar mhux vera kienet mifthema ma Anna izda riedet tmur Paceville biex tiltaqgha ma' l-gharus taghha li kien jahdem bhala DJ gewwa l-istabbiliment bl-isem Bamboo u ridet tmur tigbor ir-rigal tal-birthday taghha minn ghandu. Dan pero ma ghamlitux ghaliex tghid kuntrarjament ghal dak li qalet fl-istqarrija taghha illi Paceville dakinhar ma marritx. Tghid ukoll illi s-sewwieq tal-karozza kien jismu Adly. Tghid pero illi meta l-karozza waqfet Adly mar ma Josephine biex igibu d-diesel waqt li hija qadet ma Raouf fil-Wied tal-Imsida, kuntrarjament ghal dak li stqarret antecidentament meta stqarret li kienu Josephine u Raouf li marru jgibu d-diesel, waqt li hi marret tihu kafe' ma Adly gewwa Baystreet. Tghid ukoll illi Josephine kienet xorbot hafna, tant li xorbot flixkun vodka u ghall-ewwel darba semmiet flixkun whiskey. Tghid ukoll fix-xhieda taghha li hija giet mehuda fil-lukanda kontra l-volonta taghha, u mistoqsija kif wasslet hemm ghall-ewwel tghid li wasslet bil-karozza, mbghad tghid li wasslet bit-tow truck u fl-ahhar tghid li ma tafx kif wasslet fil-lukanda. Tghid pero li qabel ma dahhlet fil-lukanda Raouf poggha s-sikkina ma darha, ghalqilha halqha biex ma tajjatx, mexxiha fil-lukanda u dahhlu t-tlieta li huma mill-istess intrata fl-istess hin. Dan jikkontrasta bi kbir ma dak li qalet precedentament meta tghid illi hija marret fit-tielet sular minn wara minn hdejn il-pool u marru ghaliha u nizlu maghha fit-tieni sular.

Seduta stante tghid li fethu l-bieb ta' karma faccata l-lift waqt li antecedentament tghid li l-kamra kienet fit-tarf tas-sular. Tghid ukoll illi Josephine sakkret il-bieb u hbiet ic-

cavetta kuntrarjament ghal dak li qalet qabel li l-bieb kien mbexxaq. Tghid ukoll li ma setghetx tajjat u titlob l-ghajjut, kuntrarjament ghal dak li qalet qabel li tilfet il-vuci minhabba l-ghajjat taghha. Mistoqsija jekk l-akkuzati xorbux waqt li kienu fil-kamra, tghid illi fl-ebda hin ma xorbu, kuntrarjament ghal dak li tghid qabel li waqt li kienu fil-kamra l-akkuzati xorbu l-inbid. Tiddeskrivi wkoll dak li ghamlu maghha l-akkuzati, fis-sens illi Raouf kellu x'jaqsam maghha sesswalment u ppenetra bl-organu sesswali tieghu fil-part taghha, kontra l-volonta' taghha filwaqt li Josephine kienet qed terdala sidirha u tbusha. Fuq il-pedana tax-xhieda tghid ukoll illi hija giet mizmuma b'idejha wara darha fuq is-sodda waqt li Raouf kellu x'jaqsam maghha, waqt li antecedentament tghid illi waqt l-att sesswali hija girfet u gidmet lil Raouf u girfet ukoll lil Josephine. Tghid ukoll illi dakinhar kienet liebsa coat u boots li ghaddiet kollox bhala esebiti lill-ispettur Joseph Busuttil, pero fl-ebda hin, fix-xhieda taghha precedentament ma ssemmi dawn u lanqas fl-ezebiti tal-Qorti ma nsibu coat jew boots minkejja li qalet li ghaddiethom lil pulizija tal-forensika. Jinghad ukoll illi meta hija rrapurtat il-kaz lil PS 1574 qaltlu li kellha biza li setghet harget tqila, pero meta xehedet quddiem il-Magistrat hija qalet li dakinhar kellha l-period. Jirrizulta wkoll illi meta xehedet illum hija qalet li kienet liebsa l-flokk ta' taht ta'Snoopy li hija pajama, dan ghamlitu ghaliex hasbet li ser tghaddi l-lejl ma' l-gharus taghha, minkejja li antecedentament hija tghid li ma riedet li jkollha x'taqsam ma had ghaliex kienet ghadha kemm nehhiet il-mirena. Seduta stante tghid ukoll li hija hassitha mahmuga meta kellha x'taqsam ma Rauf pero meta xehedet antecedentament tghid li xtaqet li tirranga ma missier it-tifel, li rrizulta li kien mejjet. Jirrizulta wkoll illi Gaffarena tghid fix-xhieda taghha tal-lum li hija giet ezaminata minn Dr Mario Scerri, anke fir-rigward tal-organi sesswali taghha tant li tghid li Dr Scerri ghamlilha wkoll xi smear test. Jinghad illi fix-xhieda taghha precedentament hija ma taghmel l-ebda referenza ghal dan l-ezami mediku.

Illi ghalhekk jirrizulta minghajr l-ebda dubju illi fix-xhieda tal-kwerelanti jirrizultaw diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet. Id-difiza tghid illi x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ssahhah ix-xhieda tad-difiza u ghalhekk din il-Qorti sejra taghmel ukoll

ezami tax-xhieda prodotta. Il-prosekuzzjoni resqet bhala xhud lil Anna Maria Buttigieg u din stqarret li kienet ghamlet xi zmien tghix l-Ghabex flimkien ma Krystel Gaffarena, tghid li pero' hija mara ta wahidha, ma tantx ghandha hbieb u li thobb tohrog wahidha u tmur Paceville fid-dicos. Ikkonfermat illi dakinhar tat-8 ta' Jannar, 2012, hija marret Paceville bl-Arriva, izda kienet mifthema li tiltaqa ma' Krystel iktar tard quddiem Plush. Illi ghalhekk dan ixejjen ix-xhieda ta' Gaffarena li tghid li hija kienet mifthema biex tiltaqa' ma' l-gharus taghha, ghaliex fil-fatt kienet ghalkemm diga mifthema ma haddiehor.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Dr Mario Scerri, espert nominat fl-inkjesta. Dan ikkonferma illi huwa kien ezamina liz-zewg akkuzati u lil Gaffarena. Fl-ebda hin ma jghid illi huwa rriskontra xi gdim fuq il-persuna ta' Raouf, la f'wiccu, la f'ghonqu u lanqas f'idu u dan minkejja li Gaffarena tghid li hariglu hafna demm. Wiehed kien jistenna f'dan il-kaz li Dr Scerri kien isib xi gdim fuq persuntu jew qxur tal-feriti. Jghid pero illi huwa sab grip marks fuq Gaffarena, fuq dirghaja x-xellugija u jiddiskrivihom li kienu ageing bruises, li ma gewx ikkawzati bi vjolenza u li kienu gew ikkagunati billi giet mizmuma minn wara. Jghid ukoll illi kuntrarjament ghal dak li qalet Gaffarena, li huwa ma ghamilx dan l-ezami genitali taghha u dan il-fatt ikkonfermat ukoll mill-ex Spettur Jessica Grima ghaliex tghid li ma hallitux. It-tip ta feriti minimi li ra fuq Gaffarena huma lezjonijiet li mhumiex kompatibli m'evidenza ta' swat jew vjolenza. Jghid illi fil-fhema tieghu ma kien hemm l-ebda struggle ghaliex kiku kien isib il-marki. Mistoqsi jekk bil-kwadru li ra setax jikkonkludi li Gaffarena ghaddiet minn lejl ta' aggressjoni u rezistenza, jghid li dan mhux possibli.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll lil Dr Marisa Cassar, li din ikkonfermat illi fuq l-esebiti li gew mghoddija lilha hija sabet DNA tal-akkuzat Raouf fuq il-hwejjeg ta' Gaffarena konsistenti f'phospahtase li huwa enzyme qawwi fejn tidhol l-isperma. Dan huwa indizju car illi effettivament l-akkuzat Raouf kellu xi forma ta' relazzjoni sesswali ma Gaffarena. Pero, il-Qorti trid tara jekk fil-kwadru ta' dawn il-provi jirrizultawx ir-reati li bihom gew akkuzati b'mod individwali l-akkuzati.

Illi Josephine Wadi ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri kif kellha kull dritt, pero a tempo vergine hija rrilaxxat stqarrija u spjegat dak li kien gara matul il-lejl ta' bejn is-7 u 8 ta' Jannar 2012. Fil-fatt tghid fiz-zewg stqarrijiet rilaxxati minnha nhar il-11 ta' Jannar, 2012 u mmarkata bhala Dok JG3 u nhar is-17 ta' Jannar, 2012 immarkata bhala Dok. JG4 u irrnunzjat ghad dritt taghha li tkellem avukat.

Spjegat li dakinhar ta' bejn is-Sibt 7 u il-hadd 8 ta' Jannar 2012 hija kienet fil-kumpanija ta' Adly u Raouf Santa Venera quddiem l-Ghabex. F'xi hin taf li cemplet lil Anna Buttigieg biex tghaddiha fuq il-linja ma Krystle biex tara jekk riditx tohrog maghhom. Qaltilha li kienu sejrin dawra bil-karozza u Krystle accettat li tmur maghhom. Ftit wara harget Krystle ma Anna. Krystal rikbet fil-karozza u Anna baqghet hemm. Dan il-fatt huwa kollaborat minn dak li tghid Anna li hija telqet ghal rasha u qabdet l-Arriva biex marret lejn Paceville.

Tghid li qalet lil Krystle li ma setghux imorru Paceville ghax kien hemm ir-ragel taghha u jekk jarha ma Raouf jaqla' l-inkwiet. Adly iddecieda li iwassal lil Krystle Paceville. Appena waslu Paceville Adly induna li l-karozza kellha xi hsara u waqfet ghal kollox. Adly u Raouf hargu biex jaraw setghux jirrangaw xi haga huma. Krystle staqsiet lil Raouf u Adly jekk kellhomx €10 biex iselfuha. Adly qallha ok izda kien medi fil-karozza u ghalhekk talabha ittih ftit cans.

Hija kellha bzonn tmur fit-toilet u ghalhekk hadet lil Krystle maghha f'restaurant. Malli Raouf rahom sejrin mar warajhom biex jara fejn kienu ser imorru. Waqt li kienet fit-toilet Raouf u Krystle qadu barra jistennewha u wara ftit semghathom jiggieldu. Harget u bdiet isaqsihom x'gara u rat lil Krystle ixxejjer idejha. Ipprovat tferraqhom u Krystle telqet tigri'l barra

Il-grif li ghandha huma kagun ghaliex ipprovat tferraqhom. Din ix-xhieda hija kompatibbli ma dak li qal Dr Scerri dwar il-feriti li kellha Josephine Wadi, kif deskritti minnu fir-relazzjoni tieghu.

Krystle marret tkellem lill-pulizija u telqet 'l hemm. Hija marret ma Raouf hdejn il-karozza ta' Adly. Krystle irritornat irrabjata. Ipprovat tirranga is-sitwazzjoni ta' bejneithom u wara ftit rathom mghanqin f'xulxin. Adly ma setghax jirranga l-karozza u ghalhekk cempel lil tat-towing. F'hin minnhom hija marret ma Raouf tigbor landa petrol mill-Msida waqt li Krystle u Adly qadu jistennewhom.

Wara xi ftit wasal tat-towing u rikkibhom mieghu ghaliex spiccaw bla karozza. Staqsihom fejn kien se ihallihom u Raouf gie bl-ideja li jmorru f'lukanda. Adly ma riedx imur izda kien lest li isellef flus lil Raouf. Huma dahlu minn quddiem u Raouf hallas ta' tnejn. Krystle dahlet minn wara. Hija telghet fil-kamra ma Raouf u wara Raouf mar ghal Krystle. Meta kienu kollha il-kamra Raouf gab tazza halib ghal Krystle ghax hekk xtaqet li tixrob u ghalihom gab flixkun inbid u xorbuh bejn tnejn. Dan fil-parti l-kbira huwa kkonfermat minn Krystle li tghid li waqt li kienu fil-kamra, Raouf u Josephine xorbu l-inbid. Hija wkoll kkonfermat ta dak li qalet Krystle f'wahda mix-xhieda taghha li kienu l-akkuzati li marru ghaliha biex tidhol fil-kamra.

Fil-kamra kien hemm double bed u single bed. Krystle kienet minduda fuq is-single bed u Raouf beda inezzaha. Hi bdiet tghidlu biex jieqaf ghaliex indunat li hija ma kienitx qed tiehu pjacir izda ma imbuttatux 'l hemm u ma tatux bil-ponn jew bis-sieq. Baqghet sakemm nezahha gharwiena. Il-qaziet ta' taht nezzahulha sal irkoppa. Wara li neza lil Krystle mar inezza lilha. Ghalkemm xtaqet li kienu wahedhom ma zammitux milli jghamel dan. Wara li nezzaha hadha fuq Krystle. Din ix-xhieda tikkonferma dak li qalet Krystle li effetivament kienu kollha arwenini pero filwaqt li Josephine tghid illi Krystle ma writx li ma kienitx qed tiehu pjacir, Krystle tghid illi dan kollu sehh kontra l-volonta' taghha.

Josephine tkompli tispjega f'din l-istqarrija li bil-kunsens tat-tlieta li huma bdew imissu lil xulxin lis-sider ta' xulxin u jbusu lil xulxin fuq l-ghonq u fuq is-sider. Kemm hi, kif ukoll Krystle ma kienux qed jiddejqu ghalkemm ghall-ewwel ma riditx hija. Raouf baqa' ikompli maghhom u filli jkun fuq Krystle u filli jkun fuqha. Tghid li hi u Krystle biesu lil xulxin miz-zaqq 'l fuq u kuntatt bejniethom fil-parti ta' isfel ma kienx

hemm. Dan huwa michud minn Krystle li tghid li fil-fatt Josephine sahansitra kienet qed terdala l-parti genetali taghha u ddahlilha subajha fil-parti privata taghha, pero huwa kollaborat minn Dr Marisa Cassar li ma sabet l-ebda DNA ta' Josephine fuq il-hwejjeg ta' l-istess Gaffarena.

Josephine tghid ukoll li Raouf beda jaghti iktar attenzjoni lil Krystle milli ta lilha u bdiet tiehu fastidju. L-iktar li hadet fastidju kien meta Raouf pprova idahhal il-parti tieghu f'ta Krystle. Tant u hekk li qamet u marret tibki gol-kamra tal-banju. Tant kienet irrabjata li tat daqqa ta' ponn lill-hajt. Il-marki li ghandha fuq idha kienu tad-daqqa li tat. Ppruvat iccempel lir-ragel biex tghidlu fejn kienet pero kien mitfi. Ghalhekk cemplet lil Noel li jigi missier it-tifla l- kbira taghha u dan qabdu u beda jghidilha li kien ser imur ghaliha meta semaghha daqshekk iddisprata. Dan ukoll hu kkonfermat minn Gaffarena, sa certu punt li kkonfermat li Josephine ghamlet zewg telefonati u tghid li dan sehh waqt li hija kienet qed tigi stuprata u l-akkuzat Raouf kien fuq persunta.

Josephine stqarret ukoll li Raouf dahal fil-kamra tal-banju biex jinhasel fis-sink ghax kien ghadu kif kellu x'jaqsam ma Krystle. X'hin raha bilqeda fl-art pogga hdejha u qallha ghala kienet qed tibki. Meta induna li kienet fuq il-mobile hadulha minn idejha u beda iheddida li jekk tghid lir-ragel fejn kienet, kien ser ipattiha kemm lilha kif ukoll lir-ragel.

Raouf mar lura fuq is-sodda l-kbira u Krystle kienet fuq iz-zghira. Raouf beda jghidilha biex tmur hdejh fuq is-sodda izda ma riditx ghaliex kienet imdejqa hafna b'dak li gara. Fl-ebda hin ma Krystle ghajtet ghall-ghajnuna u bl-ebda hin ma ghamlet xi haga kontra l-volonta taghha. Dan ukoll hu mcahhad minn Krystle li f'hin minnhom tghid li ghajjtet hafna u tilfet il-vuci u f'okkazjonijiet ohra tghid li ma ghajtitx ghax Raouf ma hallihiex. Josephine tikkonferma illi Raouf kellu x'jaqsam maghha waqt li Krystle qadet thares lejhom. Dan ukoll ikkonfermat minn Gaffarena.

Josephine tghid ukoll x'hin heles minn maghha raqdu hemm. Kien kwazi sebah qamu u Raouf ried jerga ikollu x'jaqsam maghha sesswalment. Izda sthat taghmel quddiem

Krystle ghax l-effett tax-xorb kien qed ibatti u kienet irrabjata ma Raouf ghax kellu x'jaqsam ma mara ohra quddiemha. Ghalhekk ghatta lilu u lilha bil-kutra u rega kellhom x'jaqsmu ma xulxin. Meta kienu lesti indunat li Krystle kienet bil-qeda thares lejn il-mera. Dan ukoll sa certu punt ikkonfermat minn dak li stqarr l-ispettur Joseph Busuttil li Josephine hija mara misthija u meta bdiet tirilaxxa l-istqarrija u tiddeskrivi dak li kien qed jigri hija kienet ruxxana u tisthi tiddeskrivi dak li ghaddiet minnu.

Josephine tikkonkludi u tghid illi Krystle nizlet bit-tarag u huma nizlu bil-lift ghal gol-reception. Krystle qadet tistennihom barra l-lukanda. Marru jistennew tal-linja u Raouf nizel Mater Dei ghax iddejjaq jmur maghha il-Belt. Haseb li l-Belt kien ser ikun hemm ir-ragel taghha. Haseb li r-ragel ta' ohtha li kien il-belt ma ommha kien ser imur jghid lir-ragel taghha. Waqt li kienu fuq tal-linja Raouf beda jitfa bews lil Krystle.

Meta waslu l-Belt Krystle marret maghha tiltaqa' ma ommha biex tattilha li ma kienitx ma Raouf. Tkelmu ftit u wara isseparaw.

Illi dan ukoll huwa kkonfermat minn Gaffarena li telqu t-tlieta flimkien pero Gaffarena viva voce l-Qorti tghid li hija mxiet b' Raouf jipponta sikkina lejn darha. Din il-verzjoni qatt ma kienet taghta antecidenti.

Josephine tghid ukoll li dak il-hin sar konfront bejn ix-xhud u Krystel u mistoqsija x ghandha xi tghid dwar dak li qalet Krystle li dak kollu li sar sar kontra ix-xewqa taghha tghid 'li b'halqa tghid li trid.' Il-verita hi li kienet kuntenta b'dak li ghamlet. Tikkonferma li Krystle ghamlet dak li ghamlet ghax ridet u hadd ma sfurzaha u gidbet jekk qalet mod iehor. Fis-sakra ma kienitx.

Fid-dokument DOk JG 4 rilaxxat 17 ta' Jannar, 2012, Josephine Wadi tikkonferma dak kollu li stqarret antecedentament u zzid illi Krystle marret maghhom fil-lukanda minn rajha u mistoqsija jekk din kellhix opportunita' tahrab minn fuq il-post tghid li iva, waqt li hija kienet fil-kamra tal-banju; waqt li hija kienet qed tistennihom barra u waqt li hija kienet qed ikollha x'taqsam ma Raouf.

Hasan Ali Mohammed ghazel li ma jixhidx kif kellu kull dritt jaghmel pero fl-istqarrija rilaxxata minnu kien cahad li jaf lil Krystel Gaffarena, kien cahad li kellu x'jaqsam maghha, kien cahad li bejn il-lejl ta' 7 u 8 ta' Jannar 2012, huwa kien fil-prezenza ta Gaffarena u Wadi gewwa l-lukanda Seaview Hotel. Stqarr li kien jaf lil Wadi tramite x-xoghol tieghu u kien hemm okkazzjonijiet li kellu x'jaqsam maghha, izda mhux fix-xahar ta' Jannar 2012. Din ix-xhieda hija kontradetta minn dak li stqarret Gaffarena u mill-prova xjentifika li harget fir-relazzjoni Dr Marisa Cassar.

Illi ghalhekk din il-Qorti, wara li ghamlet ezami akkurat tax-xhieda ghandha issa tezamina l-akkuzi li gew moghtija mill-prosekuzzjoni, fid-dawl tax-xhieda prodotta.

Fl-Ewwel Kap ta' l-akkuza l-akkuzat Raouf gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn 7 u 8 ta' Jannar, 2012, bi vjolenza ikkometta stupru fuq il-persuna ta' Krystel Gaffarena, liema stupru huwa aggravat bi vjolenza stante li fil-fhema tal-prosekuzzjoni kien mhejjun fl-ezekuzzjoni tieghu minn persuna ohra u cioe' minn Josephine Wadi. Illi minn ezami ta' l-Artiklu 198 tal-Kodici Kriminali, il-prosekuzzjoni trid tipprova zewg elementi u cioe'l-att sesswali u dwar dan il-Professur Mamo jghid li:

> "The sexual connection need not be complete or consumated" u fil-fatt, "The crime is deemed to be complete by the commencement of the connection without the necessity of proving any futher acts… It is not necessary to prove the actual emission of seed in order to constitute carnal knowledge, but the carnal knowledge is deemed complete upon proof of <u>penetration</u> only, and the slightest penetration is sufficient to prove the rupture of or injury to the hymen is unnecessary."

U fit-tieni lok li tali att sesswali gie maghmul kontra l-volonta' tal-vittma bi vjolenza. Skond l-Professur Mamo fin-Noti tieghu The Criminal Law, jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku

ta' dan r-reat.Huwa element essenzjali tar-reat u mhux aggravju tieghu, u tali vjolenza trid tkun ezercitata fuq il-persuna stess li qed tigi stuprata. Il-ligi ma tispecifikax f'hiex ghandha tikkonsisti il-vjolenza, ghax il-gudikant irid f'kull kaz individwalment, jezamina l-fatti specie tal-kaz u cioe irid jara jekk l-atti sehhewx kontra l-volunta ta' persuna.

Maino, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale[14] jghid:

> "L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."

Il-ligi taghna, in tema ta' stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali jkun sar bi vjolenza. Infatti l-Appell Kriminali fil-kawza **<u>Pulizija vs James Demanuele</u>**[15], l-istess Qorti tal-Appell senjat:

> *'Issa, il-ligi taghna, in tema ta' stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar bil-vjolenza. Tali vjolenza tista' tkun fizika jew morali (jew, naturalment, it-tnejn flimkien). Il-ligi, pero`, ma tikkwantifikax din il-vjolenza, ossia il-grad ta' vjolenza li trid tigi wzatabiex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta' sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom, kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett* *Kopja Informali ta'* *passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza*

---

[14] Vol 3 - pagni 178 u 179

[15] Deciza fit-2 t'Ottubru 2000, l-istess Qorti tal-Appell

*adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness ta' kawza u effett, ta' mezz u fini. Fi kliem Majno: '… vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l'intensita`, i caratteri, l'idoneita` dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l'eta`, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo` avvenire che raggiungano l'intento dei mezzi che considerati in se` stessi, nella generalita` dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o che riescano frustranei mezzi ed apparati per se` stessi, nella generalita` dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e non ostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu` ovvie della vita" (op. cit., para. 1463, pp. 178, 179). Ghalhekk ma huwiex il-kaz, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, xi resistenza sa l-ahhar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha."*

L-artikolu 201 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li l-istupru jitqies dejjem bhala vjolenti "… (b) meta l-persuna li fuqha jsir abbuz ma tkunx tista' tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal **raguni ohra indipendenti** mill-eghmil tal-hati …."

**Luigi Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale Italiano**[16] jghid:

> *"…vano e pericoloso sarebbe il tentattivo di disciplinare l'intensita, I caratteri, l'indoneita dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relativi al soggetto attivo e passivo del delitto. Secondo l'eta, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima puo avvenire che ragguingono l'intento dei mezzi che considerati in se stessi, nella*

[16] 1924 Vol III para 1443 pagni 178-179

*generalita dei casi, dovrebbe ritenersi inefficaci, o che riescono frustranei mezzi ed apparati per se stessi, nella generalita dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volunta della vittima, e non ostiene quella resiztenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

Din il-qorti ghalhekk, fid-dawl ta' dan l-insenjament hija tal-fhema illi l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova illi effettivament kien hemm l-att sesswali pero zgur li ma pprovatx illi dan l-att sesswali sehh bejn il-lejl tas-7 u 8 ta' Jannar 2012 stante li l-kwerelanti tinsisti li dan l-akkadut sehh fil-jum tal-birthday taghha u cioe' nhar it-12 ta' Jannar, 2012 in oltre li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova bix-xhieda prodotta minnha illi dan l-att sesswali sehh kontra l-volonta' tal-kwerelanti Gaffarena u ghalhekk tali akkuza ma gietx ippruvata.

Fit-Tieni Kap tal-akkuza, l-akkuzata Josephine Wadi l-prosekuzzjoni akkuzawha b'komplicita ta' stupru fuq Gaffarena. Skond is-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja**[17],:

'Kif inhu risaput fil-ligi taghna u fuq l-iskorta tad-duttrina kontinentali u specjalment dik Taljana, il-komplicita' hija essenzjalment il-partecipazzjoni ta' aktar minn persuna wahda fil-kommissjoni ta' reat. Biex ikun hem mil-kompartecipazzjoni fis-sens tal-Artiklu 42 tal-Kodici Kriminali taghna, hu mehtieg li l-partecipanti jkunu agixxew materjalment u b'wiehed mill-mod msemmija paragrafu (a) sa (e) ta' dan l-Artiklu, b'determinazzjoni kriminuza komuni, jigifieri meta l-mohh ta' kull wiehed minnhom jkun dirett ghall-kommessjoni tal-istess reat.

[17] Appell Kriminali, deciz fit-3 ta' Mejju 2000

Ghalkemm, bhala regola din id-determinazzjoni kriminuza komuni timporta xi forma ta' ftehim minn qabel (prekoncert), dan mhux dejjem necessarjament hekk u jista' jkun hemm il-kompartecipazzjoni f'reat anke minghajr il-prekoncert.'

Illi ghalhekk stante li din il-Qorti mhux qed issib lill-akkuzat Raouf hati tar-reat ta' stupru, wisq inqas ma tista' ssib lil Josephine Wadi ta' komplicita'.

Fit-Tielet Kap tal-Akkuza, iz-zewg akkuzati huma akkuzati talli ikkommettew attentat vjolenti ghal pudur ta' Krystle Gaffarena u dan fil-lejl ta' bejn is-7 u 8 ta' Jannar 2012. Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Gerald Cassar:**

> *"L-attentat vjolent ghall-pudur, jew oltragg vjolent ghall-pudur, hu kostitwit minn dawk l-attijiet impudici kollha li jigu kommessi fuq persuna ohra kontra l-volonta' taghha li ma jammontawx ghal wiehed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali.[18]."*

Illi l-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fir-rigward tan-Nisa u l-Vjolenza Domestika** jaghti is-segwenti definizzjoni ta' dak li ghandu jikkostitwixxi vjolenza kontra n-nisa:

> *"violence against women" is understood as a violation of human rights and a form of discrimination against women and shall mean all acts of gender-based violence that result in, or are likely to result in, physical, sexual, psychological or economic harm or suffering to women, including threats of such acts, coercion or arbitrary deprivation of liberty, whether occurring in public or in private life."*

Illi din id-definizzjoni thaddan fiha kull forma ta' vjolenza sew morali sew fizika, sesswali u psikologika jew kull forma ta' hsara maghmula kontra persuna tas-sess

[18] Pulizija vs Gerald Cassar deċiża nhar it-18 ta' Lulju 1959 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppresduta mill-Imħallef Joseph Flores.

femminili li tinkludi anke it-theddida ghall-istess.F'dan il-kaz hemm nieqes l-element ta' vjolenza mehtieg ghal reat mahsub fl-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali, liema element kien mehtieg sabiex jissusstissi r-reat fi zmien tal-kommissjoni tieghu. Illi huwa biss bl-emendi introdotti bl-Att XIII ta' 2018 li dan l-element xi eradikat sabiex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa u dan meta llum jitqies hati kull min jikkometti att ta' natura sesswali minghajr kunsens tal-vittma, bil-ligi ma toffri l-ebda definizzjoni ta' dak li ghandu jikonstitwixxi l-att materjali.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta illi dak kollu li sehh bejn l-akkuzati u l-kwerelanti sehh bil-kunsens ta' tlett persuni, lkoll maggorenni fil-maghluq u cioe' f'kamra ta' lukanda u mhux f'xi post espost ghal pubbliku pero jinghad illi ghalkemm jirrizulta li dan kollu sehh bejn il-lejl tas-7 u 8 ta' Jannar 2012, il-kwerelanti tibqa' tinsisti illi dak li sehh, sehh fit-12 ta' Jannar 2012 u ghalhekk zgur li din l-akkuza ma tistax tirrizulta kemm minhabba l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-atti sesswali sehhew bi vjolenza kontra l-volonta' ta' Krystle Gaffarena u kemm ghaliex l-istess Gaffarena tghid li dawn l-atti sehhew fit-12 ta' Jannar 2012 u mhux bejn is-7 u 8 ta' Jannar, 2012.

Illi minkejja li dak li sehh jista' jkun dizgustanti u jikonstitwixxi vjolazzjoni ghal pudur ta' persuna, xorta jehtieg li l-ligi tezigi li dawn l-atti jsiru kontra l-volonta' ta' dak li jkun sabiex tali atti jammontaw ghal reat in dezamina. Il-Qorti ghal darb'ohra ssostni li f'dawn ic-cirkustanzi x-xhieda moghtija lill-allegata vittma kif kollaborata minn dak li stqarru Dr Mario Scerri u Dr Marisa Cassar, u mhix-xhieda l-ohra prodotta mill-prosekuzzjoni ghandha iktar mis-sewwa u hija aktar attendibli minn dak li stqarret il-kwerelanti b'mod konfuz u b'mod inkonsistenti u kontradittorju ghall-ahhar. Din il-Qorti zgur ma tistax toqghod fuq ix-xhieda tal-kwerelanti sabiex tasal ghall-htija tal-akkuzati. Ix-xhieda ta' Gaffarena ma tistax titwemmen ghax mimlija inkonsistenzi u avariji u ma ghandiex mis-sewwa.

Fir-Raba' Kap ta' Akkuza, l-akkuzati gew akkuzati bir-reat ta' sekwestru illegali ta' Gaffarena u dan bejn il-lejl ta 7 u 8 ta' Jannar 2012, kif kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali. Dan jipprovdi li:

*"Kull min bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolari, kif fil-fatt jirrizulta li l-akkuzati ma kellhomx din l-awtorita'. Izda minn naha l-ohra jista jinghad li l-akkuzati b'xi mod arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Krystle Gaffarena?

Din il-Qorti tara li l-elementi rilevanti ghal din l-akkuza huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista jsir kontra l-volonta; tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi fil-fehma tal-Qorti t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru " f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatur tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa dan l-artikolu - l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika jindika li taht dan l-Kap jaqa agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita ma jkunx punibbli.

Il-gurista Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale**[19] jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l-artikolu 86 taghna billi jghid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

[19] a fol 112 paragrafu 788 Vol II

**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale** [20] jghid:

> "Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."

Element importanti ghal ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Andrew Bonnici**[21] huwa li bniedem jrid jkun ittiehed fil-post kontra l-volunta tieghu.

Illi mis-suespost jirrizulta illi effettivament kif stqarret l-istess kwerelanti originarjament meta xehedet quddiem l-Ispettur u mhux meta ghamlet ir-rapport lil PS 1574, jew ghad-dirittura meta xehedet quddiem din il-Qorti seduta stante li hija marret fil-lukanda Seaview minn rajha u dan ghaliex kif qalet hi stess meta xehedet il-Qorti nhar is-7 ta' Frar, 2012 li hija marret hemmhekk ghaliex kienet ghajjina u ma kelliex fejn tmur torqod. Jinghad ukoll kif stqarret l-istess kwerelanti fid-dikjarazzjoni taghha l-bieb tal-kamra kien imbexxaq u ghalhekk jekk hija ma kienitx kuntenta b'dak li kien ghaddej setghet facilment titlaq. Dan hu anke kkonfermat li l-ghada meta t-tlieta li huma telqu mill-lukanda, minkejja li nizlet mill-lukanda qabilhom, hija ma telqitx izda qadet tistennihom. Ghal darba ohra f'din l-akkuza l-prosekuzzjoni kellha tapprova bix-xhieda tal-kwerelanti stess li hija giet ssekwestrata bejn is-7 u t-8 ta' Jannar 2012, dan ukoll hu michud minn Gaffarena ghax tghid li kollox sehh nhar it-12 ta' Jannar 2012.

Il-Qorti tinnota illi l-prosekuzzjoni setghet tressaq provi ohrajn in sostern tal-akkuzi taghha bhal per ezempju l-persuna tat-tow truck; il-persuna maghruf bhala Adly; ir-receptionist tal-hotel; Alan li kien qieghed izomm lil Krystle ghandu; is-social workers li allegatament tkellmet maghhom Gaffarena; l-allegat gharus ta' Gaffarena; il-pulizija

[20] **Ediz**. 1977 pagna 134

[21] Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998

gewwa Paceville meta Krystle allegatament irrapurtat l-incident li sehh bejn l-akkuzati u diversi filmati ta'CCTV fejn kienu l-akkuzati fil-lejl in kwistjoni. Dan hu nuqqas kbir da parte tal-prosekuzzjoni li ghen sabiex l-akkuzati ma jinstabux hatja ta' l-akkuzi.

Dwar l-akkuza tar-recediva fil-konfront ta' Raouf jinghad illi stante li din il-Qorti mhux issibu hati ta' l-Erba' Kapi ta' l-Akkuzi, ma tistax issibu hati tar-recediva.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tiddikjara illi mhux qed issib lill-akkuzati hatja skond il-Kapi tal-Akkuzi, tilliberahom minn kull akkuza u tordna r-rilaxx immedjat taghhom.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara hekk hux il-kaz li jinvestiga lil Krystle Gaffarena ghal-spergur.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur